# Regoli li jirregolaw l-iskema uffiċjali ta' l-apprendistat tal-Kummissjoni Ewropea

(Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2.03.2005 - C(2005)458)

## 1. IL-BAŻI TAL-PROGRAMM

### 1.1. Ġenerali

Dawn ir-regoli jirregolaw l-iskema uffiċjali ta' l-apprendistat tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Din l-iskema hija indirizzata b'mod partikolari lill-gradwati ta' l-università li jkunu għadhom żgħar, mingħajr ma teskludi lil dawk li – fil-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja – ikunu reċentement kisbu diploma universitarja u jkunu se jibdew karriera professjonali ġdida.

#### *1.1.1. Għanijiet*

L-għanijiet tat-taħriġ uffiċjali intern mal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea huma:

- Li lill-gradwati universitarji li jkunu għadhom żgħar jipprovduhom b'mod partikolari b'esperjenza unika u tanġibbli tal-ħidmiet tal-Kummissjoni Ewropea, u li jipprovdu idea ġenerali tal-ħidmiet ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Barra minn hekk, dan it-taħriġ għandu l-iskop li jipprovdi fehim ta' l-objettivi u l-għanijiet tal-proċessi u l-istrateġiji politiċi ta' integrazzjoni ta' l-UE.

- Li jippermettu lill-persuni mħarrġa li jiksbu esperjenza u għarfien prattiku tal-ħidma ta' kuljum tad-dipartimenti u s-servizzi tal-Kummissjoni. Li jipprovdu l-opportunità li dawn jaħdmu f'ambjent multi-lingwistiku u multi-etniku, li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-fehim reċiproku, il-fiduċja u t-tolleranza. Li jippromwovu l-integrazzjoni Ewropea fi ħdan l-ispirtu ta' tmexxija ġdida u li, permezz ta' parteċipazzjoni attiva, titrawwem kuxjenza ta' ċittadinanza Ewropea reali.

- Li l-gradwati universitarji li jkunu għadhom żgħar jingħataw l-opportunità li jpoġġu fil-prattika l-għarfien miksub matul l-istudji tagħhom, u b'mod partikolari fl-oqsma speċifiċi tal-kompetenza tagħhom. Li jintroduċu lil dawn il-gradwati fid-dinja professjonali u jlaqqgħuhom mad-diffikultajiet, dmirijiet u opportunitajiet li din iġġib magħha.

Il-Kummissjoni Ewropea, permezz ta' l-iskema uffiċjali tagħha ta' l-apprendistat:

- Tibbenefika mid-dħul ta' gradwati entużjasti u żgħar fl-età, li jistgħu jipprovdu perspettiva ġdida u għarfien akkademiku aġġornat, li għandu jtejjeb il-ħidma ta' kuljum tal-Kummissjoni Ewropea;

- Toħloq grupp ta' persuni żgħażagħ b'esperjenza diretta u b'taħriġ fil-proċeduri tal-Kummissjoni Ewropea, li fil-futur se jkunu iktar preparati sabiex jikkollaboraw u jikkooperaw mal-Kummissjoni Ewropea;

- Toħloq għal perjodu twil ta' żmien "ambaxxaturi ta' rieda tajba" ta' l-ideat u l-valuri Ewropej kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea u kemm barra minnha.

## 2. L-ELIĠIBILITÀ

### 2.1. In-nazzjonalità

Il-persuni mħarrġa jintgħażlu minn fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni. Madankollu, huwa aċċettat ukoll numru limitat ta' ċittadini ta' pajjiżi li m'humiex Stati Membri. Dan jiddependi mir-riżorsi disponibbli.

### 2.2. Il-kwalifiki

#### *2.2.1. Diploma Universitarja*

Il-kandidati għandhom ikunu temmew l-ewwel ċiklu ta' kors ta' edukazzjoni għolja (edukazzjoni universitarja) u għandhom ikunu kisbu grad jew l-ekwivalenti tiegħu sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet. Għall-kwalifiki minimi nazzjonali meħtieġa mil-leġislazzjoni tal-pajjiż minn fejn tkun inkisbet id-diploma, ara l-Anness I. Il-Kummissjoni żżomm id-dritt li tibdel dawn il-kwalifiki minimi użati għall-programmi uffiċjali ta' l-apprendistat b'mod li jikkonforma ma' kwalunkwe tibdil possibbli li jista' jsir fil-ġejjieni fl-istrateġiji politiċi tar-reklutaġġ ta' l-impjegati taċ-ċivil. Kwalunkwe tibdil se jkun pubblikat fuq il-websajt ta' l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat[1], minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Websajt".

Il-kandidati għandhom jipprovdu kopji tad-diplomi (jew ta' ċertifikati uffiċjali rilevanti), ta' l-istudji universitarji jew post-universitarji kollha ddikjarati fl-applikazzjoni tagħhom *on-line*. Dawn il-kopji għandhom, b'mod obbligatorju, jakkumpanjaw l-applikazzjoni tagħhom bil-posta. Għal studji dikjarati li jkunu għadhom qed iseħħu, għandha tkun provduta dikjarazzjoni uffiċjali mill-università rilevanti. L-applikanti li d-diplomi universitarji jew post-universitarji tagħhom ma jinħarġux f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità għandhom jipprovdu traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti f'waħda mil-lingwi li taħdem bihom il-Kummissjoni Ewropea (l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż). Jekk wieħed jintgħażel għal apprendistat, ikunu meħtieġa kopji ċċertifikati tad-diplomi kollha ddikjarati u, jekk applikabbli, traduzzjonijiet uffiċjali li jkunu ċ*ċertifikati*.

#### *2.2.2. Lingwi*

Sabiex il-persuna mħarrġa tikseb il-massimu mill-apprendistat u sabiex tkun tista' ssegwi l-laqgħat u taġixxi b'mod adegwat:

– Il-kandidati mill-Istati Membri għandu jkollhom għarfien tajjeb ħafna ta' mill-inqas żewġ lingwi tal-Komunità, li minnhom waħda għandha tkun waħda mil-lingwi li taħdem bihom il-Kummissjoni Ewropea (l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż).

[1] http://europa.eu.int/comm/stages.

– Il-kandidati ta' pajjiżi li m'humiex Stati Membri għandu jkollhom għarfien tajjeb ħafna ta' mill-inqas waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea (l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż).

Il-kompetenza fil-lingwi li tkun ġiet dikjarata fil-formola ta' l-applikazzjoni, għajr fir-rigward tal-lingwa nattiva, għandha tkun imsaħħa b'ġustifikazzjoni adegwata (jiġifieri diplomi, ċertifikati, evidenza li l-persuna tkun studjat bil-lingwa kkonċernata, eċċ.).

### 2.3. Impjieg preċedenti

Il-Kummissjoni Ewropea tixtieq toffri lill-ikbar numru ta' persuni possibbli l-opportunità ta' taħriġ intern. Għalhekk mhux se jiġu aċċettati applikazzjonijiet minn kandidati li – għal iktar minn sitt ġimgħat:

– diġà bbenefikaw jew qed jibbenefikaw minn kwalunkwe tip ta' taħriġ intern (formali jew informali, imħallas jew mhux imħallas) fi ħdan xi istituzzjonijiet jew xi entità Ewropea[2], jew

– li kellhom jew għandhom xi tip ta' impjieg fi ħdan istituzzjoni jew entità Ewropea[2] ,

– inkluż kwalunkwe persuna li hija jew kienet assistent ta' Membru tal-Parlament Ewropew, konsulent jew riċerkatur intern, membru temporanju ta' l-istaff, membru ta' l-istaff taħt kuntratt, membru awżiljarju ta' l-istaff jew membru temporanju ta' l-istaff ta' kwalunkwe istituzzjoni, entità, delegazzjoni jew uffiċċju rappreżentattiv.

Il-kandidati għandhom javżaw lill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat bi kwalunkwe tibdil fis-sitwazzjoni tagħhom li tista' sseħħ fi kwalunkwe stadju tal-proċess ta' applikazzjoni.

## 3. Il-proċess ta' applikazzjoni

### 3.1. It-tressiq ta' l-applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għandhom isiru skond il-proċeduri stabbiliti mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat. L-istruzzjonijiet kollha meħtieġa huma pubblikati fuq il-Websajt.

L-applikazzjonijiet li t-timbru tal-posta tagħhom ikun wara d-data ta' l-għeluq se jkunu rifjutati awtomatikament. L-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu d-dokumenti kollha meħtieġa ta' ġustifikazzjoni flimkien ma' l-applikazzjoni tagħhom stampata. M'huma se jiġu aċċettati l-ebda dokumenti jew ġustifikazzjonijiet addizzjonali wara r-riċeviment ta' l-applikazzjoni.

### 3.2. Il-verifika ta' l-eliġibilità

Malli l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jirċievi l-verżjoni stampata ta' l-applikazzjonijiet, li preċedentement ikunu tressqu b'mod elettroniku, tiġi eżaminata l-eliġibilità

[2] Ara l-lista f'Anness 2.

tagħhom fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat. Dawn il-kriterji huma pubblikati fuq il-Websajt.

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jirriserva d-dritt li jemenda l-kriterji ta' eleġibilità kif u fejn meħtieġ. Kwalunkwe tibdil ta' dan it-tip se jkun ippubblikat fuq il-Websajt qabel il-bidu tal-ftuħ tal-perjodu ta' applikazzjoni.

## 3.3. Il-proċedura ta' qabel l-għażla

### *3.3.1. L-Għan*

L-għan ewlieni tal-proċedura ta' qabel l-għażla huwa li jipprovdi lis-servizzi tal-Kummissjoni bl-aħjar għażla possibbli ta' kandidati bl-iktar firxa possibbli ta' dixxiplini akkademiċi li minnhom id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi jkunu jistgħu jagħmlu l-għażla finali tagħhom. Il-proċedura ta' qabel l-għażla għandha wkoll l-għan li żżomm, bl-aħjar mod possibbli, l-bilanċ fir-rigward ta' l-għażla bejn l-irġiel u n-nisa u l-ekwilibriju bejn il-kandidati minn Stati Membri differenti.

### *3.3.2. Il-Kumitat ta' qabel l-għażla*

L-għażla minn qabel issir minn Kumitati magħmula minn uffiċjali tal-Kummissjoni skond il-linji ta' gwida u l-kriterji stabbiliti mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat u pubblikati fil-Websajt. Il-ħidma tal-Kumitat hija kunfidenzjali, finali u vinkolanti. Ma teżisti l-ebda proċedura ta' appell.

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jirriserva d-dritt li jemenda l-kriterji ta' eleġibilità kif u fejn meħtieġ. Kwalunkwe tibdil ta' dan it-tip se jkun ippubblikat fuq il-Websajt qabel il-bidu tal-ftuħ tal-perjodu ta' applikazzjoni.

### *3.3.3. Ir-riżultati ta' qabel l-għażla*

Il-kandidati ta' qabel l-għażla jidhru f'*database*, minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-*Database*", li hija disponibbli għad-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni sabiex ikun jista' jitwettaq il-proċess finali ta' l-għażla. Id-*Database* tinkludi mill-inqas tliet darbiet iktar applikanti minn numru ta' postijiet disponibbli għat-taħriġ. In-numri ta' l-applikazzjoni tal-kandidati ta' qabel l-għażla ikunu ppubblikati fuq il-Websajt..

## 3.4. Il-proċedura finali ta' l-għażla

Filwaqt li jikkunsidra l-kondizzjonijiet eżistenti (il-kobor, il-kapaċità ta' assorbiment, ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet imwettqa, eċċ) u d-disponibbiltà tal-baġit, l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jiddetermina n-numru ta' persuni li għandhom jiġu attribwiti lil kull Direttorat Ġenerali u Servizz għal kull perjodu sabiex jitħarrġu.

Is-Servizzi tal-Kummissjoni, wara riċerka fid-*Database* skond il-kriterji speċifiċi u skond "profil" stabbilit, jagħżlu l-persuni li se jitħarrġu mil-lista ta' kandidati adattati li jissodisfaw dawn il-kriterji. Għal kull persuna magħżula titħejja deskrizzjoni tax-xogħol mid-Direttorat Ġenerali rilevanti.

### 3.5. Ir-rifjut ta' l-applikazzjoni

Jekk xi applikazzjoni ma tkunx sodisfaċenti fi kwalunkwe stadju tal-proċess ta' applikazzjoni, il-kandidat jista' japplika mill-ġdid għal perjodu sussegwenti ta' taħriġ, skond xi tkun ir-raġuni tar-rifjut. Madankollu huwa neċessarju li titressaq applikazzjoni ġdida, flimkien mad-dokumenti *kollha* ta' sostenn.

### 3.6. L-irtirar

Fi kwalunkwe stadju tal-proċess ta' applikazzjoni, l-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom billi javżaw bil-miktub lill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat. F'dan il-każ, huma jkunu esklużi minn kwalunkwe stadju ulterjuri tal-proċess. Huma jistgħu japplikaw mill-ġdid għal perjodu sussegwenti ta' taħriġ. Madankollu huwa neċessarju li titressaq applikazzjoni ġdida, flimkien mad-dokumenti kollha ta' sostenn.

### 3.7. Iż-żamma tal-fajls

Iż-żamma tal-fajls min-naħa ta' l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat issegwi r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 fir-rigward tad-data personali, kemm jekk l-applikazzjonijiet iwasslu għar-reklutaġġ, kif ukoll jekk jiġu rrifjutati jew irtirati.

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat ma jżommx il-fajls ta' l-applikanti minn sessjoni għall-oħra.

## 4. IL-PROĊEDURA TA' REKLUTAĠĠ

L-applikanti jistgħu ma jkunux reklutati f'xi settur fejn jista' jseħħ xi kunflitt ta' interess, irrispettivament mill-esperjenza professjonali preċedenti tal-kandidat jew min-nazzjonalità tiegħu. Ċerti Direttorati Ġenerali jew Servizzi jistgħu ma jirreklutawx ċittadini minn pajjiżi li mhumiex Stati Membri. L-informazzjoni rilevanti, skond kif provduta mis-Servizzi, tkun pubblikata fuq il-Websajt.

L-applikanti jistgħu jiġu offruti biss kuntratt wieħed għal perjodu partikolari ta' taħriġ. L-applikanti li jirrifjutaw l-offerta tal-kuntratt jiġu esklużi mill-proċedura preżenti. Huma jistgħu japplikaw mill-ġdid għal perjodu sussegwenti ta' taħriġ billi jressqu applikazzjoni ġdida, flimkien mad-dokumenti kollha ta' sostenn.

Il-kandidati reklutati huma obbligati li jipprovdu kwalunkwe formoli u ċertifikati mitluba mill-Uffiċċju tal-Boroż ta' Taħriġ fiż-żmien tar-reklutaġġ tagħhom. Huma responsabbli li jiżguraw li jkollhom il-viża t-tajba, fejn applikabbli, u li jiksbu d-dokumentazzjoni kollha mitluba mill-awtoritajiet tal-pajjiż li fih ikunu impjegati.

## 5. ID-DRITTIJIET U DMIRIJIET TA' L-APPRENDISTATI

### 5.1. Tul ta' l-Apprendistat

*5.1.1. Taħriġ Bażiku*

Hemm żewġ perjodi ta' taħriġ kull sena:

– mill-1 ta' Marzu sa l-aħħar ta' Lulju;

– mill-1 ta' Ottubru sa l-aħħar ta' Frar tas-sena ta' wara.

Fi ħdan dawn iż-żewġ perjodi, it-taħriġ jista' jikkonsisti f'minimu ta' tliet xhur u f'massimu ta' ħames xhur.

Il-kuntratti tat-taħriġ jibdew jew fl-1 ta' Marzu jew fl-1 ta' Ottubru. Madankollu, f'każi eċċezzjonali u ġustifikati kif jixraq, wara ftehim mad-Direttorat Ġenerali jew mas-Servizz ta' reklutaġġ, id-data tal-bidu tista' tiġi deferita, bil-kondizzjoni li l-perjodu minimu ta' taħriġ ikun rispettat. F'kull każ, il-kuntratti jibdew fl-1 jew fis-16 tax-xahar. Il-perjodi ta' taħriġ ma jistgħux jiġu ripetuti jew estiżi iktar mit-tul massimu stabbilit f'dawn ir-regoli jew lilhinn mill-għeluq tal-perjodu ta' taħriġ.

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista', jekk ikun meħtieġ, jiffissa data oħra tal-bidu tal-perjodu tat-taħriġ u tat-tul tiegħu f'każ ta' gruppi speċifiċi ta' taħriġ (interpreti, eċċ.).

*5.1.2. It-Taħriġ innifsu*

Il-perjodi ta' taħriġ jibdew b'konferenza ta' introduzzjoni ġenerali dwar il-kwistjonijiet tal-Komunità, li tinfirex fuq jumejn. L-attendenza għal dawn il-konferenzi hija obbligatorja għal dawk il-persuni li jkunu se jitħarrġu u li l-kuntratt tagħhom jibda fil-bidu tas-sessjoni. Il-kandidati tat-taħriġ imbagħad jingħaqdu mad-Direttorati Ġenerali jew mas-Servizzi tagħhom.

Il-persuni li jidħlu għat-taħriġ jitpoġġew taħt ir-responsabbiltà ta' konsulent. Kull konsulent jista' jkun responsabbli għal persuna waħda għal kull perjodu ta' taħriġ. Il-konsulent għandu jmexxi u jsegwi mill-qrib lill-persuna li qed titħarreġ matul it-taħriġ tagħha, u għandu jaġixxi bħala l-konsulent ta' fiduċja tagħha. Il-konsulent għandu minnufih javża lis-servizz kompetenti bi kwalunkwe inċident sinifikanti li jseħħ matul it-taħriġ (b'mod partikolari f'każ ta' inkompetenza professjonali, assenza, mard, aċċidenti, imġiba ħażina jew interruzzjoni tat-taħriġ) li jiġi għall-attenzjoni tiegħu/tagħha jew li l-persuna mħarrġa tkun avżatu/avżataha bihom.

Min ikun qed jitħarreġ għandu jħares l-istruzzjonijiet mogħtija mill-konsulenti tiegħu, mis-superjuri tiegħu fid-Direttorat Ġenerali jew fis-Servizz li magħhom ikun assenjat u l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat. Għandu wkoll ikun konformi mar-regoli li jirregolaw il-programm ta' taħriġ intern u r-regoli interni li jirregolaw il-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari r-regoli li jikkonċernaw is-sigurtà u l-kunfidenzjalità.

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu jingħataw il-permess li jattendu laqgħat dwar suġġetti li jkunu ta' interess għax-xogħol tagħhom (kemm-il darba dawn il-laqgħat ma jkunux ristretti jew kunfidenzjali), li jirċievu dokumentazzjoni u li jieħdu sehem fil-ħidma tad-dipartiment li miegħu ikunu assenjati fuq livell li jkun jikkorrispondi għall-kompetenza edukattiva u professjonali tagħhom. Jekk tingħata l-approvazzjoni tal-konsulent u bil-kondizzjoni li dan ma jkunx ta' tfixkil għat-twettiq tal-kompiti assenjati lilhom, huma jistgħu jattendu laqgħat f'xi dipartiment ieħor li ma jkunx dak assenjat lilhom jew f'xi istituzzjoni oħra (bil-kondizzjoni li jingħataw l-aċċess minn dik l-istituzzjoni), kemm-il darba dawn il-laqgħat ma jkunux ristretti jew kunfidenzjali, bl-għan li jifhmu l-obbjettivi u l-għanijiet ta' l-istrateġiji politiċi ta' l-UE.

F'kull Direttorat Ġenerali u Servizz, huwa nominat uffiċjal biex jikkoordina l-amministrazzjoni tal-persuni li qed jitħarrġu fid-Direttorat Ġenerali jew fis-Servizz tiegħu. Il-koordinatur jgħin b'mod amministrattiv lil dawn il-persuni fid-Direttorat Ġenerali jew Servizz li miegħu ikunu ġew assenjati. Huwa/hija jaġixxi/taġixxi bħala punt ta' kuntatt bejn id-Direttorat Ġenerali tiegħu/tagħha u l-Uffiċċju ta' l-Aprrendistat.

Skond id-disponibbiltà tal-baġit, l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista' jorganizza żjajjar u vjaġġi għal postijiet ta' interess rilevanti għal min ikun qed jitħarreġ. Min ikun qed jitħarreġ jista' jipparteċipa, suġġett għall-kondizzjonijiet ta' l-organizzazzjoni.

*5.1.3.* *Kumitat ta' Kollegament*

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista' jippermetti sa sitt persuni li jibqgħu jitħarrġu għal xahar fi tmiem il-perjodu ta' Ottubru u sa ħames persuni għal tliet xhur fi tmiem il-perjodu ta' Marzu, sabiex dawn jipprovdu kollegament (Kumitat ta' Kollegament) ma' l-influss il-ġdid ta' persuni li jkunu se jitħarrġu. Dawn il-membri jingħataw kuntratt ġdid għall-perjodu meħtieġ.

*5.1.4.* *Interruzzjoni*

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fuq talba bil-miktub ta' min ikun qed jitħarreġ fejn jiddikjara r-raġunijiet rilevanti u jipprovdi ġustifikazzjoni xierqa, il-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista', wara konsultazzjoni ma' min jissorvelja u mad-Direttorat Ġenerali jew mas-Servizz li miegħu tkun assenjata l-persuna li qed titħarreġ, jawtorizza l-interruzzjoni tat-taħriġ għal perjodu partikolari. Il-ħlas ikun sospiż u l-persuna kkonċernata ma tkunx intitolata għar-rimborż ta' kwalunkwe spejjeż ta' ivvjaġġar li tkun nefqet matul dak il-perjodu.

Il-persuna li tkun qed titħarreġ tista' tiġi lura biex tkompli l-bqija tat-taħriġ tagħha, iżda biss sa l-aħħar ta' l-istess perjodu ta' taħriġ. Ma tista' tingħata l-ebda estensjoni.

*5.1.5.* *Terminazzjoni bikrija tal-kuntratt*

Jekk persuna li tkun qed titħarreġ tkun tixtieq li ttemm it-taħriġ tagħha qabel id-data speċifikata fil-kuntratt, għandha titressaq talba bil-miktub min-naħa tal-persuna konċernata biex din tiġi approvata mill-Uffiċċju tal-Boroż ta' Taħriġ. Din it-talba, li fiha jkunu ddikjarati r-raġunijiet rilevanti, għandha titressaq mill-inqas tliet ġimgħat qabel id-data ġdida prevista għat-terminazzjoni, permezz tal-konsulent tiegħu/tagħha u l-koordinatur tat-taħriġ. Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu jistgħu jtemmu l-kuntratt tagħhom fl-1 u fis-16 tax-xahar. Fejn xieraq, il-parti ekwivalenti tal-ħlas għandha tingħata lura lill-Kummissjoni.

*5.1.6.* *Impjieg fil-ġejjieni*

Aċċess għal borża ta' taħriġ ma jagħtix lill-persuni li jitħarrġu l-istatus ta' uffiċjali jew dak ta' impjegati oħra tal-Kummissjoni Ewropea, u lanqas ma jġib miegħu xi dritt jew prijorità fir-rigward ta' ħatra fis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-persuni mħarrġa jistgħu jiġu reklutati wara li jtemmu t-taħriġ intern, kemm-il darba jkunu ġew rispettati u applikati b'mod sħiħ il-kondizzjonijiet u r-regoli stabbiliti għall-impjieg fil-kategorija ta' ħaddiema li fiha jkunu se jiġu reklutati. L-

istess jgħodd għall-persuni li jkunu tħarrġu preċedentement u li jintgħażlu permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti jew permezz ta' sejħa għal espressjoni ta' interess organizzata mill-Kummissjoni jew minn wieħed mis-servizzi tagħha, kemm bħala individwi jew bħala impjegati ta' kumpanija li tkun ġiet magħżula.

Kull persuna tista' tibbenefika minn stadju wieħed ta' esperjenza fil-Kummissjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tal-każ imsemmi fil-punt 2.3 ta' hawn fuq (jiġifieri perjodu wieħed ta' taħriġ ta' massimu ta' sitt ġimgħat).

## 5.2. Assenzi

### *5.2.1. Vaganzi*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandu jkollhom l-istess sigħat ta' xogħol u l-istess vaganzi pubbliċi, jekk dawn jinzertaw matul it-taħriġ, bħall-uffiċjali tal-Kummissjoni.

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu huma intitolati għal jumejn *leave* fix-xahar. Dan il-jedd jinkiseb pro rata għax-xhur maħduma li jibdew jingħaddu mill-ewwel jum tax-xahar. Il-ġranet ta' *leave* li ma jittieħdux ma jkunx hemm ħlas għalihom. Il-ġranet użati għal vjaġġi u żjajjar organizzati mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jew mill-Kumitat ta' Taħriġ, il-ġranet użati għall-parteċipazzjoni f'xi kompetizzjoni, eżami jew ħidma universitarja, eċċ. għandhom jitnaqqsu minn dan il-jedd.

L-Unità tar-Riżorsi Umani tad-Direttorati Ġenerali u tas-Servizzi konċernati, jew l-ekwivalent tagħha, tara li r-regoli ta' hawn fuq ikunu mħarsa. It-talbiet għal-*leave* għandhom jirrispettaw il-ħtiġijiet tas-Servizz. L-ewwel għandhom jiġu approvati mill-konsulent u mbagħad verifikati u approvati mill-persuni responsabbli għall-vaganzi fi ħdan id-Direttorat Ġenerali jew Servizz konċernat. Għandha tintbagħat kopja tat-talbiet approvati lill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat.

### *5.2.2. Assenza f'każ ta' mard*

F'każ ta' mard, il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom javżaw lill-konsulenti tagħhom minnufih, u jekk ikunu assenti għal iktar minn jumejn, għandhom jipproduċu ċertifikat mediku li għandu jintbagħat lill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat, li fih ikun indikat it-tul previst ta' l-assenza. Persuna mħarrġa li tkun assenti minħabba l-mard tista' tkun suġġetta għal verifiki mediċi fl-interess tas-servizz.

### *5.2.3. Assenza mingħajr* Leave

Meta persuni li jkunu qed jitħarrġu jkunu assenti mingħajr ġustifikazzjoni jew mingħajr ma javżaw lill-konsulent tagħhom u lid-Direttorat Ġenerali/Servizz, l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat għandu jinforma bil-miktub lill-persuna konċernata biex din tirrapporta fis-servizz li fih ikun qed isir it-taħriġ fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi n-notifika bil-miktub. Il-persuna li tkun qed titħarreġ għandha wkoll tipprovdi ġustifikazzjoni xierqa għall-assenza mhux awtorizzata tagħha. Dawn il-ġranet ta' assenza jkunu awtomatikament imnaqqsa mill-jedd tal-*leave* tal-persuna kkonċernata. L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista' jiddeċiedi, wara eżaminazzjoni tal-ġustifikazzjoni li tingħata, jew jekk ma tkun waslet l-ebda ġustifikazzjoni sa l-għeluq taż-żmien, li jtemm immedjatament it-taħriġ mingħajr ma jagħti avviż ieħor. Kull ħlas żejjed ikun irid jiġi rimborżat lill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-

persuna li tkun qed titħarreġ ma tkunx intitolata biex tirċievi l-konċessjonijiet għall-ivvjaġġar.

## 5.3. Kunfidenzjalità

### *5.3.1. Ġenerali*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom jużaw diskrezzjoni kbira fir-rigward ta' fatti u informazzjoni li jiġu f'idejhom matul it-taħriġ. M'għandhom, bl-ebda mod, jiżvelaw lil xi persuna mhux awtorizzata xi dokument jew informazzjoni li jkunu għadhom m'humiex pubbliċi. Huma se jibqgħu marbuta b'dan l-obbligu wara l-għeluq tat-taħriġ. Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt legali tagħha li ttemm it-taħriġ u li tfittex bil-qorti lil kwalunkwe persuna li ma tħarisx dan l-obbligu.

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu m'għandu jkollhom l-ebda rabta professjonali ma' partijiet terzi li jistgħu jkunu inkompatibbli mat-taħriġ tagħhom (jiġifieri m'għandhomx jaħdmu għal *lobbyists*, impjegati legali, eċċ.), u m'humiex awtorizzati jwettqu xi ħidma oħra bi qligħ li tista' taffettwa ħażin ix-xogħol assenjat lilhom matul il-perjodu tat-taħriġ. Jekk jinqala' xi kunflitt ta' interess matul il-ħidma tagħhom, il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom minnufih jirrappurtaw bil-miktub dwar dan lill-konsulent tagħhom, lill-koordinatur ta' l-istadju tagħhom u lill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat.

### *5.3.2. Kuntatti ma' l-Istampa*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom iħarsu l-istess regoli bħall-ħaddiema l-oħra tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kuntatti ma' l-istampa u għandhom isegwu l-istruzzjonijiet provduti. Il-Kummissjoni tirriserva d-dritt legali tagħha li ttemm it-taħriġ u li tieħu azzjoni legali kontra kwalunkwe persuna li ma tirrispettax dan l-obbligu.

### *5.3.3. Pubblikazzjonijiet*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu m'għandhomx, waħedhom jew flimkien ma' oħrajn, jippubblikaw jew iwasslu biex tiġi ppubblikata kwalunkwe materja relatata mal-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea mingħajr il-permess tas-servizzi rilevanti (l-Uffiċċju tal-Boroż ta' Taħriġ jipprovdi istruzzjonijiet speċifiċi dwar kif wieħed jikseb tali permess u għandu jirċievi kopja ta' dawk il-permessi flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe pubblikazzjoni jew artiklu ppubblikat). Dan it-tip ta' permess huwa suġġett għall-kondizzjonijiet li huma fis-seħħ għall-ħaddiema kollha tal-Kummissjoni. Id-drittijiet kollha, għal kwalunkwe artiklu jew xogħol magħmul għall-Kummissjoni, huma proprjetà tal-Kummissjoni.

## 5.4. Sanzjonijiet u miżuri dixxiplinarji

### *5.4.1. Imġiba u kondotta soċjali*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom u juru integrità, korteżija u konsiderazzjoni fl-imġiba tagħhom. Jekk l-imġiba tal-persuna li tkun qed titħarreġ ma tkunx sodisfaċenti, il-Kap ta' l-Unità responsabbli għall-Uffiċċju ta' l-Apprendistat, fi tweġiba għal talba raġonevoli min-naħa tal-konsulent u li tkun approvata, wara li tkun ġiet mismugħa l-persuna konċernata, mill-Unità tar-

Riżorsi Umani tad-Direttorat Ġenerali jew tas-Servizz konċernat, jista' fi kwalunkwe ħin jiddeċiedi li jtemm it-taħriġ.

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu u li jieħdu sehem f'attivitajiet uffiċjali organizzati għalihom mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat għandhom jirrispettaw l-orarji u l-programmi stabbiliti. L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista' jitlob ir-rimborż ta' l-ispejjeż li jkunu intefqu għall-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet (eż. żjajjar fi Strasbourg, eċċ) mingħand dawk li jkunu assenti mingħajr ġustifikazzjoni xierqa.

Matul it-taħriġ tagħhom, il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom jikkonsultaw mal-konsulenti tagħhom jew, jekk dawn ma jkunux disponibbli, mal-koordinatur tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni li huma jipproponu li jieħdu fuq inizjattiva personali u li tkun relatata ma' l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea.

5.4.2. *Inkapaċità fir-Rendiment*

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat, wara talba ġustifikata mill-konsulent u li tkun ġiet approvata mill-Unità tar-Riżorsi Umani tad-Direttorat Ġenerali jew Servizz konċernat, jirriserva d-dritt li jtemm it-taħriġ jekk il-livell tar-rendiment professjonali jew il-kompetenza lingwistika tal-persuna li tkun qed titħarreġ ma jkunux tajbin biżżejjed għat-twettiq xieraq tad-dmirijiet tagħha.

5.4.3. *Dikjarazzjonijiet żbaljati tal-fatti*

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jirriserva d-dritt li jtemm it-taħriġ jekk fi kwalunkwe mument ikun evidenti li l-persuna li qed titħarreġ tkun konxjament għamlet dikjarazzjonijiet żbaljati, jew ipprovdiet dikjarazzjonijiet jew karti foloz fil-mument ta' l-applikazzjoni jew matul il-perjodu tat-taħriġ.

## 6. KWISTJONIJIET FINANZJARJI

### 6.1. Il-Konċessjoni Bażika

6.1.1. *L-ammont bażiku*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu se jingħataw konċessjoni ta' kull xahar. L-ammont tal-konċessjoni jkun deċiż mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat fuq bażi annwali u jiddependi mil-limitazzjonijiet tal-baġit. L-ammont tal-konċessjoni bażika ikun ippubblikat b'mod annwali fuq il-websajt.

6.1.2. *Terminazzjoni bikrija tal-kuntratt*

Jekk il-persuna li tkun qed titħarreġ ittemm il-kuntratt tagħha kmieni, hi se tkun mitluba tagħti lura dik il-parti tal-konċessjoni, li tista' tkun irċeviet, li tkun tikkorrispondi għall-perjodu ta' wara d-data ta' terminazzjoni.

### 6.2. L-assigurazzjoni

6.2.1. *L-assigurazzjoni kontra l-mard*

L-assigurazzjoni kontra l-mard hija obbligatorja. Fejn il-persuna li tkun qed titħarreġ ma tkunx koperta minn xi skema oħra ta' assigurazzjoni kontra l-mard, din il-persuna

se tkun assigurata kontra l-mard taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-politika ta' assigurazzjoni kontra l-mard li l-Kummissjoni għandha ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni tal-persuni li jkunu qed jitħarrġu tkun ta' terz tal-primjum, li jitnaqqas mill-konċessjoni tagħhom.

Fejn persuna li tkun qed titħarreġ ikollha xi assigurazzjoni oħra kontra l-mard, għandha tiġi ppreżentata evidenza ta' dan lill-Kummissjoni fi żmien ġimgħa mill-bidu tal-perjodu ta' taħriġ. Jekk dan ma jsirx fi ħdan id-data ta' l-għeluq, il-primjum għall-iskema ta' assigurazzjoni tal-Kummissjoni jitnaqqas mill-konċessjoni tal-persuna kkonċernata u awtomatikament din tiġi assigurata.

*6.2.2. L-assigurazzjoni kontra l-inċidenti*

Il-persuni kollha li jkun qed jitħarrġu għandhom ikunu assigurati kontra r-riskju ta' inċidenti taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-politika ta' assigurazzjoni meħuda mill-Kummissjoni. Il-kontribuzzjoni tal-persuni li qed jitħarrġu hija ta' wieħed minn għaxra tal-primjum, u bil-bqija li jaqa' fuq il-Kummissjoni.

## 6.3. Il-konċessjoni tad-diżabilità

Jekk jippreżentaw ġustifikazzjoni xierqa, persuni li jkunu qed jitħarrġu u li jkollhom diżabilità jistgħu jirċievu żieda mal-konċessjoni tagħhom li tkun tammonta għal massimu ta' 50% ta' l-ammont tal-konċessjoni. Jekk ikun meħtieġ, l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jista' jikkonsulta s-servizz mediku tal-Kummissjoni.

## 6.4. Il-konċessjonijiet għall-ispejjeż ta' l-ivjaġġar

*6.4.1. Il-Konċessjoni għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar*

Il-kandidati reklutati għat-taħriġ jistgħu jirċievu konċessjoni għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar, skond id-disponibilità tal-baġit. L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat jistabbilixxi l-metodu ta' kalkolu ta' din il-konċessjoni ta' l-ivvjaġġar, il-modalitajiet u l-proċedura li għandha tiġi segwita. L-informazzjoni kollha rilevanti tkun ippubblikata fuq il-Websajt. Il-konċessjonijiet għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar jitħallsu fi tmiem il-perjodu ta' taħriġ, għajr fil-każ ta' dawk il-persuni li jintgħażlu biex jaħdmu fid-Delegazzjonijiet u r-Rappreżentazzjonijiet, fejn il-konċessjonijiet għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar jistgħu jitħallsu fit-tieni xahar tal-perjodu ta' taħriġ.

*6.4.2. Il-perjodu minimu biex wieħed jikkwalifika – u d-distanza*

Il-persuna li tkun qed titħarreġ għandha twettaq perjodu minimu ta' 3 xhur biex tikkwalifika għall-konċessjoni għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar. Il-persuni mħarrġa li l-post ta' reklutaġġ tagħhom ikun inqas minn 50 km 'il bogħod mill-post l-impjieg tagħhom m'humiex intitolati għall-konċessjoni għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar.

*6.4.3. Arranġamenti speċjali għal Persuni li Jitħarrġu fid-Delegazzjonijiet u r-Rappreżentazzjonijiet jew li jkunu assenjati f'post li ma jkunx Brussell jew il-Lussemburgu*

Għal persuni li jkunu qed jitħarrġu u li jintgħażlu biex jaħdmu f'Delegazzjoni jew Rappreżentazzjoni jew li jkunu assenjati f'post li ma jkunx Brussell jew il-Lussemburgu (u li ma jkunx il-pajjiż tar-reklutaġġ tagħhom), il-konċessjoni għall-

ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tkun kalkolata skond l-Artikolu 6.4.1., waqt li jkun ikkunsidrat il-vjaġġ bejn il-pajjiż tar-reklutaġġ u l-post fejn ikunu ġew assenjati.

Persuni li jkunu qed jitħarrġu u li jkunu reklutati mid-DG Press u assenjati għar-Rappreżentazzjonijiet huma intitolati li jirċievu konċessjoni addizzjonali, inkluż konċessjoni ta' kuljum, jekk ikunu msejħa b'mod uffiċjali mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat biex jiġu fi Brussell għal taħriġ speċifiku.

*6.4.4. Il-konċessjoni ta' kuljum*

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu u li jkunu assenjati f'post li ma jkunx Brussell (il-Lussemburgu, l-uffiċċji tad-Delegazzjonijiet, Rappreżentazzjonijiet, Dublin, Londra, fost l-oħrajn) u li ma jkunux residenti fi Brussell se jirċievu, minbarra l-konċessjoni għall-ispejjeż għall-ivvjaġġar, konċessjoni ta' kuljum (per-diem) matul il-konferenzi ta' introduzzjoni ġenerali li jsiru fil-bidu tat-taħriġ fi Brussell. Huma jistgħu jirċievu wkoll din il-konċessjoni ta' kuljum jekk ikunu mistiedna uffiċjalment mill-Kummissjoni biex jattendu għal laqgħat fi Brussell li jkunu direttament marbuta mat-taħriġ tagħhom. F'dawn il-każi tkun meħtieġa l-approvazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat.

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat se jistabbilixxi l-livell tal-konċessjonijiet imsemmija hawn fuq u jipprovdi iktar dettalji fuq il-Websajt.

*6.4.5. Il-missjonijiet individwali*

F'każi eċċezzjonali biss, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali jew tas-Servizz li fih tkun tpoġġiet il-persuna li qed titħarreġ jista' jagħti l-awtorizzazzjoni biex din il-persuna tintbagħat fuq missjoni, bil-kondizzjoni li l-missjoni tkun ta' natura teknika u mhux ta' natura rappreżentattiva.

Għar-rimborż ta' l-ispejjeż għal dawn il-missjonijiet, se tgħodd il-proċedura ġenerali għar-rimborż stabbilita fir-Regolamenti ta' l-Istaff għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. L-ispejjeż jitħallsu mid-Direttorat Ġenerali li jkun talab il-missjoni.

L-Uffiċċju ta' l-Apprendistat għandu dejjem jirċievi kopja ffirmata ta' l-ordni tal-missjoni.

## 6.5. L-Arranġamenti Fiskali

Il-konċessjonijiet mogħtija lill-persuni li qed jitħarrġu m'humiex suġġetti għar-regolamenti speċjali tat-taxxa li japplikaw għall-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Il-persuni li qed jitħarrġu huma responsabbli biss mill-ħlas ta' kwalunkwe taxxa dovuta fuq il-konċessjonijiet tal-Kummissjoni skond il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat ikkonċernat. Fi tmiem il-perjodu ta' taħriġ, l-Uffiċċju ta' l-Apprendistat se jipprovdi ċertifikat għall-iskopijiet tat-taxxa. Dan iċ-ċertifikat għandu jiddikjara l-ammont ta' flus riċevuti u għandu jikkonferma li l-ħlasijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali ma jkunux saru.

## 7. RAPPORTI U ĊERTIFIKATI

### 7.1. Ir-rapporti dwar it-taħriġ

Il-persuni li jkunu qed jitħarrġu għandhom iwettqu r-rapporti ta' evalwazzjoni mitluba mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat fil-bidu u fl-aħħar tat-taħriġ tagħhom. Barra minn hekk, fi tmiem it-taħriġ, il-konsulenti għandhom jikkumpilaw ir-rapport ta' evalwazzjoni rilevanti mħejji mill-Uffiċċju ta' l-Apprendistat.

### 7.2. Iċ-Ċertifikati

Wara l-perjodu ta' taħriġ tagħhom, il-kandidati li jkunu temmew it-taħriġ minimu meħtieġ se jirċievu ċertifikat li jispeċifika d-dati tal-perjodu tat-taħriġ tagħhom u d-dipartiment li fih kienu impjegati.

## 8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali jew tas-Servizz tal-Kummissjoni li miegħu ikun allokat l-Uffiċċju ta' l-Appendistatġ, huwa responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli.

Dawn ir-regoli se jidħlu fis-seħħ skond kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

**Anness I**

**Eżempji ta' diplomi li l-livell ta' edukazzjoni tagħhom jikkorrispondi għal dak il-livell meħtieġ sabiex wieħed ikollu aċċess għall-apprendistat**[3]

| Pajjiż | Livell ta' edukazzjoni universitarja – tul ta' mill-inqas 3 snin |
|---|---|
| Belgium FR | Actuellement : Licence ou équivalent - A l'avenir: Bachelor |
| Belgium NL | Fil-preżent: Licentiaat, Meester, industrieel ingenieur, Gegradueerde<br><br>Fil-futur: Bachelor (skond l-Att dwar l-Edukazzjoni Superjuri ta' l-4 ta' April 2003) |
| Ceská Republika | Diplom o ukončení<br><br>Bakalářského studia |
| Danmark | Bachelorgrad |
| Deutschland | Fachhochschulabschluss (6-7 Semester) |
| Eesti | Bakalaureusekraad (<160 ainepunkti) |
| España | Diplomado/Ingeniero Técnico |
| France | Licence |
| Greece/Ελλάδα | Δίπλωμα A.E.I. (πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, T.E.I. υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης) |
| Ireland/Eire | Bachelor's degree |
| Italia | Laurea –L (breve) |
| Κύπρος/Kibris | Πανεπιστημιακό διπλωμα |
| Latvija | Bakalaura diploms (<160 kredīti) |
| Lietuva | Bakalauras (<160 kreditas) |
| Luxembourg | Diplôme d'Ingénieur Technicien |
| Magyarország | Föiskolai Oklevél |
| Malta | Baċellerat |

[3] Is-sitwazzjoni skond kif kienet fl-1 ta' Awissu 2004.

| | |
|---|---|
| Nederland | Bachelor |
| Österreich | Fachhochschuldiplom (6-7 Semester) |
| Polska | Licencjat – Inzynier |
| Portugal | Bacharelato |
| Slovenija | Diploma o Pridobljeni Visoki<br><br>Strokovni Izobrazbi |
| Slovenská Republika | Diplom o ukončení<br><br>Bakalárského štúdia |
| Suomi/Finland | Kandidaatti / Kandidat examen<br><br>Ammattikorkeakoulututkinto/Yrkeshögskoleexamen (min. 120 opintoviikkoa / studieveckor) |
| Sverige | Kandidatexamen (Akademisk examen omfattande minst 120 poäng, varav 60 poäng av fördjupade studier i ett ämne) |
| United Kingdom | Bachelor's degree / Diploma of Higher Education (DipHE) |